

*Trade mark jew sinjal invokat:* Trade mark figurattiva “ETAVIS” għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 6, 7, 9, 11, 35, 37, 38, 40, 41, 42 u 45.

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* Oppożizzjoni milqugħa parzjalment.

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* Id-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni għet annullata u l-oppożizzjoni għet rifjutata.

*Motivi invokati:* Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 peress li teżisti bejn it-trade marks opposti probabbiltà ta’ konfużjoni minħabba l-karattru distintiv tat-trade mark oppost u tal-identikità, jew rispettivament, tas-similarità qawwija, tat-trade marks opposti.

**Rikors ippreżentat fil-21 ta’ Ġunju 2011 — Leifheit vs UASI (EcoPerfect)**

**(Kawża T-328/11)**

(2011/C 269/113)

*Lingwa tal-kawża:* il-Ġermaniż

#### Partijiet

*Rikorrenti:* Leifheit AG (Nassau, il-Ġermanja) (rappreżentant: G. Hasselblatt, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

#### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-31 ta’ Marzu 2011 (Każ R 1658/2010-1) u tilqa’ l-pubblikazzjoni kompleta tat-trade mark Komunitarja “EcoPerfect” (applikazzjoni Nru 8708745);
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż tagħha stess u anke għal dawk tar-rikorrenti.

#### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* Trade mark verbali ‘EcoPerfect’ għal prodotti fil-klassi 21 — applikazzjoni Nru 8 708 745.

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* Applikazzjoni għal reġistrazzjoni miċħuda.

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* Rikors miċħud.

*Motivi invokati:* Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009, peress li t-talba għat-trade mark Komunitarja “EcoPerfect” ma hijiex deskrittiva fir-rigward tal-prodotti fil-klassi 21, u hija nieqsa minn karattru distintiv.

**Rikors ippreżentat fl-24 ta’ Ġunju 2011 — Wessang vs UASI — Greinwald (star foods)**

**(Kawża T-333/11)**

(2011/C 269/114)

*Lingwa tar-rikors:* il-Franċiż

#### Partijiet

*Rikorrent:* Nicolas Wessang (Zimmerbach, Franza) (rappreżentant: A. Grolée, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Greinwald GmbH (Kempten, il-Ġermanja)

#### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Appell tal-UASI fil-15 ta’ April 2011;
- taqta’ u tiddeċiedi li huwa l-UASI li għandu jieħu l-miżuri għall-implementazzjoni tal-imsemmija sentenza li tiddeċiedi l-annullament tad-deċiżjoni ċitata iktar ‘il fuq u għalhekk li jilqa’ l-oppożizzjoni mressqa minn N. Wessang fis-26 ta’ Settembru 2005 kontra applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark STAR FOODS bi grafika Nru 4 105 615;
- taqta’ u tiddeċiedi li huwa l-UASI li għandu jieħu l-miżuri għall-implementazzjoni ta’ din is-sentenza li tiddeċiedi l-annullament tad-deċiżjoni ċitata iktar ‘il fuq u għalhekk tiċħad l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark STAR FOODS bi grafika Nru 4 105 615 fl-intier tagħha;
- tikkundanna lill-kumpannija GREINWALD GmbH u l-UASI *in solidum*, għall-ispejjeż kollha sostnuti minn N. Wessang fil-proċedimenti ta’ oppożizzjoni, il-proċedimenti tal-appell u din il-proċedura;
- tikkundanna lill-kumpannija GREINWALD GmbH għall-ispejjeż kollha li sostniet fil-proċedimenti ta’ oppożizzjoni, il-proċedimenti tal-appell u din il-proċedura;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż kollha li sostna fil-proċedimenti ta’ oppożizzjoni, il-proċedimenti tal-appell u din il-proċedura.

#### Motivi u argumenti prinċipali

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja:* Greinwald GmbH

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* Trade mark figurattiva “star foods” għal prodotti fil-klassijiet 29, 30 u 32 –Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni Nru 4 105 615